MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 103/2020 LM

**Westwood Co. Ltd. (C 46738)**
*('is-soċjetà appellata')*

***vs.***

**Ethelbert Xuereb (K.I. nru. 30857M)**
**Marisa Mangion (K.I. nru. 260183M)**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuti **Ethelbert Xuereb (K.I. nru. 30857M)** u **Marisa Mangion (K.I. nru. 260183M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-26 ta' Settembru, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda t-talbiet tas-soċjetà attriċi **Westwood Company Limited**

**(C 46738)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] fil-konfront tal-konvenuti, kif ġej:

> *"Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:*
>
> *i. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u tliet mija u tnejn u erbgħin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€1,342.96) bl-imgħax dekorribbli mis-6 ta' Settembru, 2019 kif mitlub u kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi;*
>
> *ii. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;*
>
> *iii. Jiċħad il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti;*
>
> *iv. Jikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra uffiċjali numru 2255/2019.*
>
> *L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu interament mill-konvenuti."*

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà attriċi spjegat li hija ħarġet *invoice* numru 4924, fis-6 ta' Settembru, 2019, wara li l-konvenuti ordnaw mingħandha *laminate flooring* għall-valur ta' tliet elef, tliet mija u tnejn u erbgħin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€3,342.96), u li minnhom il-konvenuti ħallsu elfejn Euro (€2,000) akkont tal-prezz. Is-soċjetà attriċi spjegat li għalhekk il-konvenuti kien għad għandhom bilanċ ta' elf, tliet mija u tnejn u erbgħin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€1,342.96) x'iħallsuha. Qalet ukoll li għalkemm ġew interpellati permezz ta' ittra legali segwita minn ittra uffiċjali, u minkejja li kien hemm ukoll korrispondenza bl-*email* dwar dan, il-konvenuti baqgħu inadempjenti.

3. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti wieġbu li dwar ix-xogħlijiet ipprestati mis-soċjetà attriċi, huma rrikorrew għand l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni

u għall-Affarijiet tal-Konsumatur qabel infetħu l-proċeduri odjerni, u susseg-wentement huma istitwew kawża quddiem it-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur, liema kawża għadha pendenti. Qalu li fil-mertu, it-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dawn għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħha, għaliex ix-xogħol li sar mill-ħaddiema inkarigati mis-soċjetà attriċi, ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u kienu l-konvenuti li sofrew ħsara kawża tax-xogħlijiet ta' dawn il-ħaddiema. Il-konvenuti qalu li prova li x-xogħol ma sarx tajjeb hemm il-fatt li s-soċjetà attriċi reġgħet inkarigat ħaddiema oħra sabiex ineħħu l-ewwel art li kienet tpoġġiet ħażin, u jerġgħu jqiegħduha mill-ġdid, imma dawn l-istess xogħlijiet rimedjali twaqqfu ħesrem mill-istess soċjetà attriċi. Il-konvenuti qalu li għalhekk it-Tribunal imissu ċaħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi.

4. Il-konvenuti ressqu wkoll kontro-talba fejn spjegaw li huma ordnaw *vinyl parquet flooring* sabiex jitqiegħed fil-fond tagħhom numru 505, Ville Michell, Triq il-Wied Ruman, il-Mellieħa [minn issa 'il-fond'], u dawn ix-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti, tant hu hekk li s-soċjetà attriċi għamlet tentattivi sabiex tirrimedja dan, għalkemm xi żmien wara anki x-xogħlijiet rimedjali twaqqfu ħesrem. Qalu wkoll li huma sofrew ħsara fil-fond tagħhom minħabba x-xogħol ħażin li sar, u minkejja li interpellaw lis-soċjetà attriċi diversi drabi, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali datata t-30 ta' Ottubru, 2019 u ittra legali tal-20 ta' Settembru, 2019, is-soċjetà attriċi baqgħet inadempjenti. Qalu li huma rreferew l-ilment tagħhom lid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumaturi) fejn ma ntlaħaq l-ebda ftehim, u għalhekk kellhom iressqu din il-kontro-talba, li permezz tagħha talbu lit-Tribunal jiddikjara li x-xogħol ta' provvista u tqegħid ta' *vinyl parquet flooring* fil-fond, ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Talbu wkoll li

s-soċjetà konvenuta tiġi ddikjarata responsabbli għall-ħsara li saret fil-fond tagħhom riżultat ta' dawn ix-xogħlijiet. Talbu wkoll li s-soċjetà attriċi tiġi ordnata tħallas is-somma totali ta' tliet elef, mitejn u tmenin Euro (€3,280) rappreżentanti l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) imħallas minnhom akkont tal-prezz għax-xogħol ta' provvista u tqegħid ta' *vinyl parquet flooring,* u l-ammont ta' elf, mitejn u tmenin Euro (€1,280) rappreżentanti d-danni kkawżati lilhom.

5. Is-soċjetà attriċi wieġbet għall-kontro-talba tal-konvenuti, billi qalet li din hija infondata fil-fatt u fid-dritt, għaliex hija waħda neboluża u hemm diversi diskrepanzi f'dak li ngħad mill-konvenuti. Qalet ukoll li x-xogħol tal-*parquet* tqiegħed skont is-sengħa u l-arti, u x-xogħol waqaf fuq insistenza tal-konvenuti, u għalhekk it-talbiet rikonvenzjonali għandhom jiġu miċħuda.

6. B'riferiment għall-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* imressqa quddiem it-Tribunal mill-konvenuti, in vista tal-fatt li bejn il-partijiet hemm proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur, it-Tribunal għadda biex ta deċiżjoni preliminari dwar dan fit-2 ta' Lulju, 2021. Fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal ikkunsidra illi l-kontro-talba fil-proċeduri odjerni hija identika għall-Avviż tat-Talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur, tant hu hekk li t-talbiet huma prattikament '*copy and paste*', u l-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur jikkonċernaw preċiżament l-istess partijiet, iżda fl-ismijiet inversi. It-Tribunal ikkunsidra li għalhekk hemm l-elementi rikjesti sabiex l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* tiġi milqugħa. Imma t-Tribunal qies ukoll li hawnhekk si tratta ta' żewġ tribunali, u mhux żewġ qrati kif jipprovdi l-artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-fatt li kienet l-azzjoni quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar li nbdiet l-ewwel, ma tkunx ħaġa loġika

li tintlaqa' l-ewwel eċċezzjoni u l-atti tal-kawża jintbagħtu quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur. It-Tribunal qies li għalhekk huwa għandu kompetenza jisma' l-kawżi sal-valur ta' ħamest elef Euro (€5,000), filwaqt li t-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur għandu kompetenza sabiex jisma' eċċezzjonijiet sal-valur ta' tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500). In vista ta' dan, it-Tribunal iddeċieda li l-kawża fl-ismijiet inversi numru CCT/92/20, li kienet pendenti quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur, għandha tissejjaħ biex tinstema' quddiemu.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fis-26 ta' Settembru, 2023, dan idddeċieda li jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi is-somma ta' elf, tliet mija u tnejn u erbgħin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€1,342.96) bl-imgħax dekorribbli mis-6 ta' Settembru, 2019, kif mitlub u kalkolabbli b'rata mhux ogħla mill-ogħla rata permessa bil-liġi; ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti; ċaħad il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti; u kkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra uffiċjali numru 2255/2019, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"<u>**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**</u>*
>
> *Il-kwistjoni kollha hija dwar it-twaħħil ta' parquet fil-fond tal-konvenuti. Is-soċjetà attriċi tgħid li fadlilha titħallas l-ammont reklamat (€1,342.96) filwaqt li l-konvenuti jopponu t-talba billi fil-fehma tagħhom, sar xogħol ħażin li kkawża ħsarat fil-fond tal-konvenuti. Il-konvenuti jallegaw ukoll li x-xogħol ma kienx skont il-kwalità pattwita u ħa ferm aktar miż-żmien li kien mistenni li jieħu.*

*Il-konvenuti ppreżentaw il-kontro-talba li permezz tagħha talbu li s-soċjetà attriċi tkun ikkundannata tħallashom is-somma ta' €3,820 (li minnhom €2,000 kien l-ammont imħallas bħala depożitu għax-xogħol u €1,280 bħala l-ammont illikwidat tad-danni kkawżati).*

*Qabel xejn, it-Tribunal josserva li l-partijiet jaqblu li l-parquet in kwistjoni tqiegħed, ġie maqlugħ, u tqiegħed mill-ġdid. Dak li l-partijiet ma jaqblux dwaru huwa għaliex il-parquet nqala' wara li kien tqiegħed.*

*It-Tribunal jirreferi għall-ittra tal-Perit Krista Xuereb (fol. 182) u din l-ittra tgħid hekk (enfasi tat-Tribunal):*

"**<u>I've been informed</u>** that right after the installation of the parquet flooring there was an issue with the vapour barrier and the parquet flooring had to be removed and re-installed. **<u>It seems</u>** that the edges of the panels may have been damaged during the reinstallation. The panels have an integrated snap-together system. Some of the edges are lifted, others are loose, as shown in the photographs attached."

*Huwa ċar li l-Perit Xuereb spezzjonat ix-xogħol wara li dan reġa' tqiegħed. Fil-fatt, in eżami (fol. 137) hija tgħid li qabel inqala' l-parquet, il-konvenuti kienu kuntenti bix-xogħol. Hija implikat ukoll li meta xi ħaġa tiġi maqlugħa u titqiegħed mill-ġdid, jinqalgħu l-problemi.*

*Il-konvenut Ethelbert Xuereb xehed (fol. 145) li għall-ħabta tal-festa ta' Santa Marija tas-sena 2019, huwa informa lil Anthony Zerafa (direttur tas-soċjetà attriċi) li l-parquet* "tela' kollu"*. Xuereb kompla jgħid li Zerafa mar fil-fond u aċċetta u ammetta li sar żball, u imbagħad beda l-proċess biex il-parquet jinqala' mill-ġdid u jerġa' jitwaħħal.*

*L*-e-mail *li tinsab a fol. 119 tal-proċess, mibgħuta minn Ethelbert Xuereb lis-soċjetà estera Alpod, jiġifieri l-manifattur, tindika li l-konvenut Xuereb jaċċetta li d-difetti bdew jidhru meta s-soċjetà attriċi, fuq insistenza tal-konvenut, qalgħet il-parquet li kien diġà twaħħal u reġgħet waħħlitu.*

*Fil-fehma tat-Tribunal, il-perit imqabbda mill-konvenuti tikkontradixxi dak li xehed il-konvenut Xuereb. Ma jistax ikun li l-perit tgħid li l-konvenuti kienu kuntenti bix-xogħol, imbagħad il-konvenut stess jgħid li ma kienx kuntent bix-xogħol. Il-konvenut Xuereb qal li x-xogħlijiet tal-ewwel installazzjoni tlestew għall-ħabta tal-festa ta' Santa Marija, u għalhekk dan ifisser li l-allegati difetti riskontrati minnu feġġew kważi minnufih, jew f'temp ta' ġranet.*

*Id-diverġenza bejn il-partijiet dwar il-kwalità tax-xogħol għandha l-għeruq tagħha fil-kwistjoni dwar l-*underlay*, jiġifieri l-materjal sottostanti li allegatament kellu*

*jitqiegħed qabel il-parquet, sabiex imbagħad il-parquet jitqiegħed fuqu. Il-konvenut Ethelbert Xuereb qal, u addirittura ppreżenta prova, li huwa kkomunika mal-manifattur tal-parquet, li jidher li kienet xi kumpannija fis-Serbja, li rappreżentant tagħha qallu tramite* e-mail *li huma ma kinux jirrakkomandaw li jsir* underlay *taħt il-parquet li huma jimmanifatturaw. L-*e-mail *li jinsab a fol. 116, li huwa minn Damjan Petrovic, mis-soċjetà estera Alpod d.o.o. jgħid li huwa kkomunika ma' Anthony Zerafa u rċieva ritratti mingħandu u safejn seta' jara hu, minn dak kollu li sema', m'hemm xejn ħażin fil-materjal li s-soċjetà estera Alpod issupplixxiet lis-soċjetà attriċi.*

*Min-naħa l-oħra, Anthony Zerafa, direttur tas-soċjetà attriċi, spjega li meta n-nies tiegħu marru jwaħħlu l-parquet fil-fond tal-konvenuti, bdew jagħmlu* plastic underlay*. Huwa jgħid li wara ftit tal-ħin, Ethelbert Xuereb beda jgerger dwar il-*plastic underlay *u jgħid li mhux suppost jintuża dak. Zerafa qal li Xuereb qalilhom li suppost sar tip differenti ta'* underlay*, iżda Zerafa spjega li t-tip ta'* underlay *li semma Xuereb ma kienx adattat għall-parquet li ordna Xuereb. Zerafa kompla jispjega li wara li l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi qiegħdu l-ewwel partijiet tal-parquet u telqu mill-post sabiex ikomplu x-xogħol f'ġurnata oħra, Xuereb mar fis-*showroom *tas-soċjetà attriċi u xtara tip differenti ta'* underlay*, imbagħad qala' xi biċċiet mill-parquet diġà mwaħħal u l-*plastic underlay*, u minflok poġġa l-*foam underlay *li kien xtara huwa stess. Il-konvenut Xuereb qatt ma ċaħad dan.*

*Jekk Xuereb qala' l-parquet li tqiegħed mill-ħaddiema tas-soċjetà attriċi, ikun jagħmel sens li l-Perit Krista Xuereb tosserva li saru xi ħsarat fil-*panels *tal-parquet – tenut kont li m'hemmx provi li Ethelbert Xuereb kien jifhem f'dan ix-xogħol jew esperjenzat fih. Għalhekk, it-Tribunal huwa inklinat li jemmen lil Zerafa f'dan ir-rigward. Inoltre, dan jikkombaċja ma' dak li xehed Anthony Zerafa, meta huwa qal (fol. 63) li Xuereb* "bagħbas ix-xogħol tagħna".

*In kontro-eżami, Anthony Zerafa spjega (fol. 102) li eventwalment is-soċjetà attriċi qalgħet ix-xogħol li kienet diġà għamlet billi Ethelbert Xuereb baqa' jilmenta dwar l-*underlay*, u għalhekk is-soċjetà attriċi reġgħet qalgħet kollox biex tara jekk l-*underlay *kienx sar sewwa, u rriżultalha li fil-fatt, kien sar sewwa. M'hemmx għalfejn wieħed ikun espert biex jikkonkludi li affarijiet bħal dawn huma magħmulin biex jitwaħħlu darba u imbagħad jibqgħu hemm għal tul ta' żmien. Aktarx li ssir ħsara meta dawn jinqalgħu wara li jitwaħħlu, u imbagħad jerġgħu jitwaħħlu. Għalhekk mhijiex sorpriża li dehru d-difetti li osservat il-Perit Krista Xuereb.*

*Kontradizzjoni oħra dwar l-istess* underlay *hija li filwaqt li Zerafa jisħaq li sar jaf mill-ħaddiema tiegħu stess li Ethelbert Xuereb mar jixtri* underlay *li ma kellux jintuża għat-tip ta' parquet li kellu hu, Ethelbert Xuereb imbagħad saħaq li huwa kiseb parir minn min immanifattura l-parquet, ċioe kumpannija estera, li kien jgħid li l-parquet ma*

*kellu bżonn ebda* underlay*. Jekk Ethelbert Xuereb ingħata parir mill-kumpannija estera li ma kien hemm bżonn ebda* underlay*, għaliex ma ċaħadx li fil-fatt huwa mar jixtri* underlay*, u saħansitra* underlay *differenti minn dak li kienu qed jużaw il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi?*

*Il-konvenut Ethelbert Xuereb ma jiċħadx li wara li telqu l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi (meta kellhom imbagħad jirritornaw f'xi ġurnata oħra), huwa interferixxa max-xogħol imwettaq minnhom.*

*Matul il-kawża, sar ħafna enfasi fuq il-fatt li l-Perit Gilbert Bartolo ma daħalx fil-fond u allura ma setax jara x-xogħol biex jiċċertifikah. It-Tribunal jenfasizza qabel xejn li minn imkien ma joħroġ li l-liġi teħtieġ li xogħol bħal dak ikun iċċertifikat minn perit. Inoltre, il-Perit Bartolo xehed ċar (fol. 96) li meta kien imqabbad sabiex jeżamina x-xogħol, u mqabbad fuq inkarigu ta' Anthony Zerafa, għalkemm ma tħalliex jidħol fil-fond tal-konvenuti, meta nfetaħ il-bieb tal-fond seta' jara mal-entratura, kif seta', il-kwalità tax-xogħol "*ma kinitx tidher ħażina, anzi kienet tidher tajba ...".

*It-Tribunal ra r-ritratti ppreżentati mill-konvenut stess (fol. 166 u 167) u mad-daqqa t'għajn, billi t-Tribunal mhuwiex xi espert fil-materja, mhuwiex qiegħed jara parquet mqabbeż jew xogħol ħażin. Minn dak li jista' jara t-Tribunal, il-wiċċ tal-parquet huwa lixx. Inoltre, it-Tribunal qiegħed jifhem li r-ritratti a fol. 179 u 180 ittieħdu* <u>*wara*</u> *li l-parquet ġie maqlugħ u mpoġġi mill-ġdid, u hemm allura beda jidher li l-*panels *tal-parquet ma kklippjawx ma' xulxin kif suppost. Però dan ġie spjegat mill-Perit Krista Xuereb, li qalet ċar u tond li huwa mistenni li jkun hemm il-problemi meta xogħol jinqala' u jitpoġġa mill-ġdid.*

*It-Tribunal lanqas ma jħares b'ħarsa ħelwa lejn il-kontro-eżami li sar lill-Perit Bartolo. Kien ovvju* ab initio *li fl-ittra tiegħu (u mhux ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet kif donnhom riedu jgħidu l-konvenuti) li tinsab a fol. 78 tal-proċess, il-Perit Bartolo qal li saret* site visit *u* "brief visual inspection" *li matulha ma seta' jinnota ebda difetti fil-parquet fl-entratura u fil-*hall/living area *tal-fond. Huwa qal ċar li ma tħalliex jidħol fil-fond u allura seta' biss jagħmel spezzjoni qasira viżwali mill-pożizzjoni fejn kien. Ma kienx raġonevoli li ssir lill-perit id-domanda jew kumment: "*Ma ġejtx mogħti ċans titkellem, però ġejt mogħti ċ-ċans li tiċċertifika x-xogħlijiet li saru". *Il-Perit Bartolo kien diġà qal li l-konvenuti ma tawhx ċans jintroduċi ruħu u kien diġà qal li l-ispezzjoni qasira li għamel kienet spezzjoni qasira viżwali mill-punto di vista tiegħu. Ma kienx hemm bżonn li jkun attakkat bħallikieku biex wieħed jipprova jgħid li l-osservazzjonijiet tiegħu kienu foloz.*

*It-Tribunal qiegħed jifhem, mill-provi ppreżentati, li l-uniku raġuni li kellu jinqala' l-parquet kien għaliex dan għal xi raġuni m'għoġobx lil Ethelbert Xuereb. It-Tribunal ma*

*jista' jsib ebda raġuni* <u>*oġġettiva*</u> *li għaliha kellu jinqala' l-parquet. M'hemmx rapporti ta' esperti li jgħidu dan. Imbagħad, l-ittri jew rapporti tal-periti kif ukoll ix-xhieda tagħhom ma jindikaw b'ebda mod li sar xogħol ħażin. Anzi, l-unika indikazzjonijiet li hemm huma li jekk il-parquet kellu xi difetti, kien jaħti biss għalihom il-konvenut Xuereb billi kien hu li nsista li l-parquet diġà mqiegħed kellu jerġa' jinqala', u dan għal raġunijiet li t-Tribunal ma jistax isib fil-provi ppreżentati. Fi kliem ieħor, il-konvenuti qed jippretendu li wara li huma insistew li jinqala' l-parquet diġà mqiegħed (meta m'hemmx provi li kellu difetti), is-soċjetà attriċi tagħmel tajjeb għall-ħsarat jew ineżattezzi li rriżultaw fil-parquet meta dan reġa' tqiegħed – u dan meta kemm il-Perit Krista Xuereb kif ukoll is-sens komun jiddettaw li diversi affarijiet, fosthom il-parquet, ma jeħlux sewwa t-tieni darba. Dan, ovvjament, għar-raġuni li oġġett bħal dak mhuwiex magħmul biex jitpoġġa, jinqala', u jerġa' jitpoġġa, iżda biex jitqiegħed biss darba u jibqa' hemm.*

*Għalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.*

*Għal dak li jirrigwarda l-kontro-talba, il-konvenuti qed jippretendu li jieħdu lura l-ammont imħallas minnhom għall-parquet kif ukoll l-ammont ta' €1,280 kif indikat fl-ittra tal-Perit Krista Xuereb. Billi t-Tribunal qiegħed jikkonkludi li s-soċjetà attriċi għandha tieħu l-ammont pretiż minnha, huwa ovvju li l-konvenuti rikonvenzjonanti m'għandhomx jieħdu l-ammont ta' €2,000 lura (jiġifieri d-depożitu). Inoltre, it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li s-soċjetà attriċi kkawżatilhom xi ħsarat. Anzi, jekk kien hemm xi ħsarat, dawn saru bi ħtija tal-konvenuti stess meta dawn insistew li jerġa' jinqala' l-parquet meta ma kienx hemm bżonn."*

## <u>L-Appell</u>

8. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-16 ta' Ottubru, 2023, fejn talbu lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, u minflok tilqa' l-kontro-talba tagħhom u tikkundanna lis-soċjetà appellata tħallashom l-ammont ta' tliet elef, mitejn u tmenin Euro (€3,280) rappreżentanti s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) bħala d-depożitu mħallas minnhom akkont tal-prezz tal-provvista u tax-xogħol ta' tqegħid ta' *vinyl*

*parquet flooring* fil-fond, u s-somma ta' elf, mitejn u tmenin Euro (€1,280), l-ammont likwidat bħala danni kkawżati lilhom.

9. L-appellanti spjegaw li huma ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni appellata. Spjegaw li fil-25 ta' Jannar, 2019, huma ħallsu lis-soċjetà appellata s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) bħala depożitu akkont tal-prezz għax-xogħol u l-provvista, u tqegħid ta' *vinyl parquet flooring* ordnat minnhom sabiex jitwaħħal fil-fond. L-appellanti qalu li dawn ix-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti, tant hu hekk li s-soċjetà appellata ppruvat tirrimedja għal dan, billi qalgħet il-*parquet flooring* u reġgħet poġġietu. Qalu li x-xogħlijiet rimedjali xorta waħda ma sarux skont is-sengħa u l-arti, u s-soċjetà appellata waqfet ħesrem milli tkompli b'dawn ix-xogħlijiet. L-appellanti qalu li konsegwenza ta' dan, huma sofrew danni fil-fond tagħhom, u dan minħabba fix-xogħol ħażin eżegwit mis-soċjetà appellata. Qalu wkoll li t-Tribunal skarta u lanqas biss ikkunsidra evidenza u xhieda li tressqet minnhom, u minflok ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq evidenza li mhijiex kredibbli, u fuq dikjarazzjonijiet li ġew ippruvati li huma inkonsistenti mir-rappreżentanti u x-xhieda tas-soċjetà appellata. L-appellanti qalu li t-Tribunal lanqas ma kkunsidra jew evalwa fid-deċiżjoni tiegħu, ir-raġuni għalfejn is-soċjetà appellata aċċettat li impjegati tagħha stess jaqilgħu u jerġgħu jpoġġu l-*parquet* li kien sar minnhom stess, u minflok għażel li jixħet it-tort fuq l-appellanti. L-appellanti qalu li huwa irraġonevoli li t-Tribunal jilqa' d-difiża tas-soċjetà appellata, li hija kumpannija li taħdem fis-settur tal-*parquet,* billi tgħid li x-xogħol mertu tal-kawża ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u anzi saru danni għaliex din aġixxiet fuq struzzjonijiet tal-appellanti. L-appellanti qalu li huma mhumiex esperti fit-tqegħid tal-*parquet,* u għalhekk wieħed jistenna li, jekk is-soċjetà appellata għarfet li x-

xogħol ma kienx sar sew u aċċettat li jsir xogħol rimedjali, dan ix-xogħol isir tajjeb irrispettivament minn min talbu. L-appellanti qalu li għalhekk huwa ovvju illi t-Tribunal naqas milli jikkunsidra fatt ċar u ovvju, jiġifieri li kieku x-xogħol sar tajjeb mill-ewwel, u ma nqalgħux problemi fit-tqegħid tal-*parquet* in kwistjoni, kieku s-soċjetà appellata ma kienx ikollha għalfejn tinkariga ħaddiema biex jaqilgħu *parquet* li kien diġà twaħħal minnhom. L-appellanti qalu li mill-provi lanqas ma jirriżulta li s-soċjetà appellata tat xi avviż jew parir lill-appellanti dwar ir-riperkussjonijiet li kienu ser isofru jekk jinqala'il-*parquet* mqiegħed.

10. L-appellanti saħqu li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġuridikament insostenibbli mal-ġurisprudenza tagħna, u dan għaliex fost id-diversi prinċipji li ġew stabbiliti fir-rigward ta' xogħol ta' appalt, hemm li l-appaltatur huwa obbligat li jirreżisti għal kwalunkwe intromissjoni, u jagħti opera sodisfaċenti, u għandu l-obbligu li jara li dan ix-xogħol isir utilment, u mhux b'mod li juri difetti aktar 'il quddiem. L-appellanti qalu li t-Tribunal żbalja meta għażel li jikkonstata ċerti fatti dwar kif twaħħal u nqala' l-*parquet flooring* abbażi ta' xhieda tad-direttur tas-soċjetà appellata Anthony Zerafa, meta dan ix-xhud kien qiegħed jirrakkonta x'seta' qallu ħaddieħor, u għalhekk tali evidenza mhijiex ammissibbli għaliex tammonta għal *detto del detto.* L-appellanti qalu li t-Tribunal għażel din il-linja minflok straħ fuq evidenza diretta li ngħatat kemm mill-appellanti li raw ix-xogħol li sar f'darhom, u saħansitra mill-ħaddiema tas-soċjetà appellata, li għamlu xogħol ta' tqegħid u anke xogħol suppost rimedjali.

11. L-appellanti qalu li fil-fehma tagħhom it-Tribunal iddeċieda b'mod żbaljat għaliex għażel li jistrieħ fuq rapport u xhieda ta' perit li lanqas biss aċċeda ġewwa l-fond in kwistjoni, u ammetta li ma rax ix-xogħol kollu, u għażel li

jiskarta r-rapport tal-perit tal-appellanti, li elenka l-ħsarat u spjega għal liema raġuni x-xogħol m'għandux jitqies li sar skont is-sengħa u l-arti, u ippreżenta ritratti u anki prospett bil-likwidazzjoni tad-danni. L-appellanti qalu li t-Tribunal żbalja wkoll meta straħ fuq ix-xhieda xejn kredibbli tad-direttur tas-soċjetà appellata Anthony Zerafa meta dan baqa' jinsisti li x-xogħol rimedjali ma sarx kollu għaliex l-appellanti waqqfuhom milli jkomplu, iżda imbagħad biddel il-verżjoni tiegħu meta ppreżentat bl-ittra interpellatorja li biha ntalab li jsiru x-xogħlijiet rimedjali, liema xogħlijiet l-appellanti qalu li baqgħu ma sarux, bil-konsegwenza li huma kellhom jiftħu kawża quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur.

12. L-appellanti qalu li lanqas ma ġiet ikkunsidrata l-allegazzjoni li għamel Ethelbert Xuereb fil-konfront tal-perit tas-soċjetà appellata, fejn stqarr taħt ġurament li l-perit imsemmi qatt ma resaq lejn id-dar tiegħu, u dan peress li l-appellant Ethelbert Xuereb, inzerta jaf min huwa l-perit in kwistjoni, u li kieku kien jagħrfu. L-appellanti qalu li għalhekk għandu jirriżulta li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi, u straħ fuq provi li jew ma kienux ammissibbli jew ma kienux verosimili, filwaqt li skarta provi oħra li jikkonfermaw it-teżi tal-appellanti, jiġifieri li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

## Ir-Risposta tal-Appell

13. Permezz tar-risposta tagħha, is-soċjetà appellata qalet li r-rikors tal-appell imressaq mill-appellanti, mhuwiex skont dak li jipprovdi l-artikolu 143 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex fir-rikors ma ġewx imfissra għalihom, wieħed wieħed, il-kapijiet tas-sentenza li qiegħed isir l-ilment minnhom, bir-raġunijiet dettaljati li wasslu għall-appell, u għalhekk l-appell tal-appellanti

huwa nieqes mir-rekwiżiti tal-liġi f'dan ir-rigward, għaliex il-lanjanzi u l-aggravji tal-appellanti ma joħorġux daqshekk ċari mill-appell. Is-soċjetà appellata qalet li għaliha huwa ċar li bl-appell tagħhom l-appellanti qegħdin jittentaw jiftħu mill-ġdid l-istadju tal-apprezzament tal-provi.

14. Is-soċjetà appellata qalet li l-kwistjoni kollha ddur mal-istitut tal-appalt, u filwaqt li l-appellanti għażlu li jiċċitaw l-artikolu tal-liġi li jirregola l-obbligi tal-appaltatur, fl-istess waqt huma qegħdin jinjoraw l-artikoli tal-liġi ċentrali għall-każ in eżami, jiġifieri l-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili. Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal kien korett fl-evalwazzjoni li għamel tal-provi dwar il-fatt li l-*parquet* tpoġġa, inqala' u reġa' tqiegħed mill-ġdid. Hawnhekk is-soċjetà appellata għamlet riassunt tal-fatti kif seħħew, b'riferiment għax-xhieda ta' Anthony Zerafa, li spjega li meta ħaddiema tiegħu marru biex jaħdmu fil-fond tal-appellanti, dawn bdew iqiegħdu *plastic underlay,* u l-appellant Ethelbert Xuereb beda jgħidilhom li mhux suppost jintuża dak it-tip ta' *underlay.* Qalet li dakinhar stess Xuereb mar fis-*showroom* tagħha u xtara tip differenti ta' *underlay,* qala' biċċiet mill-*parquet* li diġà kienu twaħħlu u l-*plastic underlay* li kien tpoġġa, u minflok poġġa l-*foam underlay* li huwa kien xtara. Qalet ukoll li ma nġabu l-ebda provi li Xuereb kellu esperjenza f'din il-linja ta' xogħol, jew li huwa kien jifhem f'din il-materja. Is-soċjetà appellata qalet li hija qalgħet ix-xogħol tal-*underlay* għaliex Xuereb baqa' jilmenta dwaru, u sabiex tassigura li x-xogħol kien twaħħal sewwa. Qalet ukoll li Xuereb mar xtara tip differenti ta' *underlay* minn dak li kien intuża fl-appartament tiegħu, wara li kien ikkuntattja lill-manifattur tal-*parquet,* u dan infurmah li taħt dak it-tip ta' *parquet* ma jintuża l-ebda *underlay.* Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal kien korrett fl-evalwazzjoni tiegħu tal-fatti

u fil-konstatazzjoni tiegħu li l-kwistjoni bejn il-partijiet qamet minħabba fit-tip ta' *underlay* li ntuża.

15. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li hija ma tifhimx għal liema raġuni l-appellanti ħaduha kontra l-perit *ex parte* inkarigat minnha, u qalet li l-Perit Bartolo kien korrett fix-xhieda tiegħu, anki jekk jirriżulta li l-appellanti ma ppermettewlux jidħol fil-fond tagħhom. Hawnhekk is-soċjetà appellata staqsiet għal liema raġuni l-appellanti ddeċidew li jinnegaw l-aċċess għall-fond tagħhom lill-perit tagħha, u staqsiet jekk dawn kellhomx x'jaħbu. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li ma tistax tifhem għal liema raġuni l-appellanti qegħdin jallegaw li l-Perit Bartolo mhux vera mar fid-dar tagħhom, meta l-avukat tal-appellanti stess għamillu kontro-eżami sħiħ dwar dan l-aċċess jew spezzjoni viżwali qasira li rnexxielu jagħmel mill-bieb ta' barra. Is-soċjetà appellata qalet li ma ngħatat l-ebda raġuni għalfejn l-appalt ġie tterminat, u żiedet tgħid li l-appellanti naqsu milli jressqu prova dwar id-danni li sofrew. Qalet ukoll li l-appell intavolat mill-appellanti ma jagħti l-ebda sostenn lill-kontro-talba mressqa minnhom, u dan jirriżulta aktar ċar meta wieħed iqis il-kuntest kollu tal-każ. Is-soċjetà appellata qalet li l-kontro-talba tal-appellanti hija bla bażi, u kien għalhekk li fl-appell tagħhom ftit li xejn tissemma, jew aktar minn hekk ġiet injorata għal kollox.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru għan-nom tas-soċjetà appellata. Il-Qorti tibda billi tosserva li s-soċjetà appellata hija korretta fl-osservazzjoni li għamlet, li l-appellanti naqsu milli jenumeraw l-

aggravji sollevati minnhom taħt kapi għalihom, għalkemm tirrileva wkoll li essenzjalment l-aggravju tal-appellanti huwa wieħed, marbut mal-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal.

*L-Aggravju:* *[It-Tribunal għamel apprezzament skorrett tal-provi, jew straħ fuq provi li mhumiex ammissibbli jew verosimili, filwaqt li skarta provi li juru li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti. L-appellanti qalu li t-Tribunal kellu jikkonkludi li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti]*

17. L-appellanti jgħidu li kellu jirriżulta li x-xogħol li sar mis-soċjetà appellata ma kienx skont is-sengħa u l-arti, u rriżulta wkoll li x-xogħol rimedjali mibdi minnha twaqqaf ħesrem. Komplew jgħidu li t-Tribunal skarta l-evidenza ppreżentata minnhom, u bbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq evidenza mhux kredibbli, u fuq dikjarazzjonijiet inkonsistenti. L-appellanti jistaqsu għal liema raġuni impjegati tas-soċjetà appellata aċċettaw li jaqilgħu l-*parquet,* u li jerġgħu jwaħħluh mill-ġdid, u għal liema raġuni t-Tribunal aċċetta l-verżjoni li l-ħaddiema tas-soċjetà appellata, li huma ħaddiema tas-sengħa, aċċettaw li jimxu fuq l-istruzzjonijiet tal-appellanti, li mhumiex nies li jifhmu f'dan ix-xogħol. L-appellanti saħqu li kieku x-xogħol verament sar skont is-sengħa u l-arti, dan ma kienx ikollu għalfejn jinqala' u jitqiegħed mill-ġdid, u huma ma ngħataw l-ebda parir mis-soċjetà appellata dwar il-konsegwenzi li kien ser ikun hemm f'każ li l-*parquet* jinqala' u jerġa' jitwaħħal mill-ġdid. L-appellanti saħqu li l-appaltatur huwa obbligat li jagħti opera sodisfaċenti u xogħol utili, li ma jagħti l-ebda problemi 'l quddiem. Saħqu li x-xhieda ta' Anthony Zerafa, direttur tas-soċjetà appellata, tammonta għal *detto del detto,* u t-Tribunal żbalja għaliex

straħ fuq xhieda u perit li lanqas biss aċċeda fil-fond, filwaqt li imbagħad skarta r-rapport redatt mill-perit tagħhom, li rat ix-xogħol u li għamlet stima tad-danni sofferti minnhom.

18. Il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti in atti, jirriżulta illi kif ikkonstata tajjeb it-Tribunal, l-ewwel ilment li kellhom l-appellanti kien minħabba fit-tip ta' *underlay* li ntuża qabel twaħħal il-*parquet* in kwistjoni, hekk kif ġie spjegat li wara li l-ħaddiema tas-soċjetà appellata kienu ilhom ġurnata jaħdmu fil-fond tal-appellanti, l-appellant Xuereb mar xtara *underlay* tal-*foam* mis-*showroom* tas-soċjetà appellata, qala' parti mill-*parquet* li kien diġà twaħħal, u pprova jwaħħal l-*underlay* li xtara. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-appellant ħa parir mingħand il-manifattur tal-*parquet* in kwistjoni, kumpannija fis-Serbja, u ngħata l-parir li taħt dak it-tip ta' *parquet* ma jitqiegħedx *underlay.* Id-direttur tas-soċjetà appellata Anthony Zerafa, fix-xhieda tiegħu ittenta jagħti *timeline* tal-mod kif seħħew l-affarijiet, u dwar liema kienet l-ewwel ġurnata meta l-appellant Xuereb ilmenta mill-kwalità tax-xogħol li rċieva fid-dar tiegħu. Fil-fatt Anthony Zerafa xehed wkoll li mill-mod kif irreaġixxa l-appellant Xuereb, kien jidher ċar li dan ma kienx kuntent bl-*underlay* li tpoġġa fil-fond, u meta ra li l-appellant Xuereb ma kienx kuntent, ix-xhud aċċetta li jaqla' parti mill-*parquet* u jeżamina l-*underlay* ta' taħtu. Jirriżulta wkoll li x-xogħol ta' twaħħil tal-*parquet* ma sarx fuq medda kontinwa ta' ġranet, imma li l-ewwel tlestew għadd ta' kmamar fl-appartament fejn sar ix-xogħol, u sussegwentement l-appellant Xuereb waħħal il-bibien u daħħal xi għamara fuq il-*parquet,* u wara ilmenta li kien twaħħal b'mod difettuż. Dan kollu ġie kkonfermat mix-xhud Enrico Scerri, li kien il-persuna li waħħal il-*parquet.* Dan ix-xhud spjega wkoll li r-raġuni għalfejn twaħħal *underlay* tal-*plastic,* kienet għaliex mingħajrha l-*parquet* jiġi

jtaptap, filwaqt li bl-*underlay* dak il-ħoss jinqata' kompletament. Ix-xhud Enrico Scerri ikkonferma li l-*parquet* seta' jitwaħħal mingħajr *underlay.* Dan ix-xhud spjega wkoll li meta hu u Anthony Zerafa marru fuq il-post mal-perit imqabbad mis-soċjetà appellata, l-appellant Xuereb waqqaf lill-perit milli jaċċedi fil-fond tiegħu. Il-Qorti qiegħda tagħmel dan ir-riassunt tal-provi bħala parti mill-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju tal-appellant, li t-Tribunal straħ fuq xhieda li tammonta għal *detto del detto.* Jista' jkun li Zerafa xehed dwar dak li qalulu terzi, iżda jirriżulta wkoll li huwa aċċeda fil-fond, u għalhekk kien jaf x'ġie diskuss mal-appellant, filwaqt li x-xhieda ta' Enrico Scerri hija x-xhieda ta' persuna li attwalment ħadem fil-fond tal-appellanti. Għaldaqstant is-sottomissjoni tal-appellanti, li t-Tribunal straħ fuq xhieda li tammonta għal *hearsay* jew *detto del detto,* m'hija kredibbli xejn.

19. Min-naħa l-oħra, it-Tribunal kien iffaċċjat ukoll bix-xhieda tal-appellant, Ethelbert Xuereb u ta' martu Marisa Mangion. L-appellanta xehdet li xi xahar wara li twaħħal il-*parquet,* dan tela' u rriżultaw xi *"gaps"*. Qalet li d-difetti fix-xogħol ma rriżultawx fl-appartament kollu, iżda f'postijiet speċifiċi biss. Qalet ukoll li esponent tas-soċjetà appellata offra li jaqla' l-*parquet* u jneħħi l-*underlay* u wara jara x'jiġri, u kien wara li nqala' l-*underlay* li rriżultaw l-ispazji bejn maduma u oħra. Min-naħa tiegħu, l-appellant Xuereb xehed li huwa kkuntattja lis-soċjetà appellata wara li l-*parquet* beda jinqala' f'xi postijiet, u meta mar jarah esponent tas-soċjetà appellata, dan infurmah li l-*underlay* li ntuża ma kienx il-materjal proprju li kellu jintuża. Qal ukoll li l-ħaddiem li mar biex ineħħi l-*underlay,* ħaseb li dan seta' jitneħħa billi l-*plastic* jinġibed minn naħa waħda tal-kamra, imma ma setax isir hekk. Kien f'din il-parti tax-xhieda tiegħu li l-appellant Xuereb qal li l-ewwel darba li weħel il-*parquet,* dan twaħħal tajjeb,

iżda li *"l-unika problema li kien hemm, billi użaw il-materjal ħażin, għamel ċertu riflessjoni, fis-sens illi għamel li beda jitla'."* Xuereb qal li meta l-esponenti tas-soċjetà appellata ġew biex iwaħħlu l-*parquet* t-tieni darba, dan ma bediex jikklippja. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, l-appellant Xuereb qal li l-problema li kien hemm bil-*parquet* li twaħħal oriġinarjament, kienet li dan żviluppa qishom rampi, u meta għamel l-invell biex jara li x-xogħol twaħħal kif suppost, dan ma baqax livell.

20. Jirriżulta wkoll li l-Perit Krista Xuereb imqabbda mill-appellanti, għamlet spezzjoni tax-xogħol wara li l-*parquet* kien inqala' u reġa' twaħħal it-tieni darba. Din ix-xhud qalet li meta x-xogħol sar l-ewwel darba, is-Sur Xuereb u Sinjura Mangion *"kienu kuntenti bix-xogħol, jiġifieri ma kienitx kwistjoni ta'* workmanship*, il-problema kienet li dan kellu jerġa' jinqala' u kellu jerġa' jitwaħħal, imbagħad meta jerġa' jitwaħħal taf inti, meta tagħmel xi ħaġa għat-tieni darba...".*

21. Meta tqis x'kellha xi tgħid il-Perit Krista Xuereb li kienet imqabbda mill-appellanti nfushom, din il-Qorti tinsab moralment konvinta li r-raġuni għalfejn inqala' l-*parquet* wara li twaħħal, ma kienx għaliex kien hemm twaħħil tal-*parquet* jew xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, iżda għaliex l-appellanti ma kienux sodisfatti bl-*underlay* li ntuża. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen dak li qal l-appellant Ethelbert Xuereb, li kien hemm xi ħaddiem li pprova jiġbed l-*underlay* min-naħa waħda tal-kamra, għaliex kull min għandu istallazzjoni ta' dan it-tip f'daru, jaf li l-*underlay* ma jistax jinqala' b'dan il-mod, u jrid altru milli jkun xi ħadd li ma jafx l-affarijiet kif isiru, biex jipprova jagħmel xi ħaġa bħal din. Huwa in vista ta' dak li ntqal mix-xhieda prodotti mill-appellanti nfushom, inkluż

il-Perit imqabbda minnhom, li din il-Qorti tasal biex taqbel mal-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal, li ma kien hemm l-ebda raġuni oġġettiva li kellha twassal biex jinqala' l-*parquet* wara li kien twaħħal l-ewwel darba, u l-ħsara li rriżultat kemm fil-*parquet* wara li dan twaħħal it-tieni darba, kif ukoll fl-*iskirting* li l-appellanti kellhom fil-fond, saret għaliex kienu l-appellanti li nsistew li jinqala' u li jitwaħħal l-istess materjal, u dan filwaqt li ppretendew li materjal bħall-*parquet* li jinqala' minn postu u li jitwaħħal mill-ġdid, jibqa' l-istess jew ma jġarrabx ħsara. Dan apparti li jirriżulta li l-*parquet* in kwistjoni kien għadu ma twaħħalx kollu, jew aħjar parti sostanzjali minnu kienet għadha ma twaħħlitx meta l-appellant mar xtara *underlay* differenti mingħand is-soċjetà appellata u ttenta jaqla' biċċa mill-*parquet* u jwaħħal l-*underlay* differenti li kien xtara. Quddiem dan l-aġir tal-appellant Xuereb li ma ċaħadx li għamel hekk, il-Qorti tqis illi jekk l-appellant kellu xi ripensament dwar ix-xogħol li kien qiegħed isir jew jekk ma kienx kuntent b'dak li ra wara l-ewwel ġurnata ta' twaħħil tal-*parquet,* huwa kellu jitkellem mill-ewwel u mhux jittenta jirrimedja s-sitwazzjoni waħdu, jew jistenna li fil-fond tiġi imqiegħda l-għamara kollha qabel iressaq l-ilment tiegħu. Huwa kemmxejn kontradittorju l-appellant meta jgħid li kien biss wara li twaħħal il-*parquet* kollu li huwa beda jinnota difetti fih, meta mill-provi esebiti jirriżulta li wara l-ewwel ġurnata xogħol ta' twaħħil, huwa mar jixtri *underlay* differenti, u saħansitra qala' biċċa mill-*parquet* li kien għadu kif twaħħal, u pprova jagħmel *underlay* differenti.

22. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li t-Tribunal skarta l-evidenza mressqa mill-appellanti, iżda aktarx li ta piż akbar lil xhieda oħra li tressqu, għaliex it-Tribunal probabbilment deherlu li dawn kienu aktar kredibbli minn oħrajn. Fuq kollox din il-Qorti ma jirriżultalhiex li t-Tribunal

straħ fuq il-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Perit imqabbad mis-soċjetà appellata li lanqas biss aċċeda fil-fond, iżda ċertament dak li rrelatat dwaru il-Perit inkarigata mill-appellanti ġie meqjus, u din il-Qorti qiegħda tistrieħ ferm fuq il-fehma esperta tal-Perit Xuereb, li x-xogħol li twaħħal oriġinarjament ma kienx wieħed difettuż jew li kien nieqes mis-sengħa u l-arti. Minn dan kollu, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi jew li dan straħ fuq provi mhux ammissibbli jew mhux verosimili, kif jallegaw l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, u għalhekk l-appell qiegħed jiġi miċħud.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**